MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 789/2004

**Michael Galea (ID 65945M) u Teresina Galea (ID 217545M)**
**Vs**

**Maria Dolores Catania**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta April 2004 fejn l-atturi qed jitolbu sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta elf mija u sitta u tletin lira sitta u ghoxrin centezmu (Lm1136.26) rapprezentanti valur ta hsarat kagonati fil-vettura tal-atturi numru LCB 869 f'incident stradali li sehh nhar id-19 ta Lulju 2002 gewwa Bahar ic-Caghaq meta l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura numru HER 001 ghal liema ncident l-istess konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi Lm23 ta ittri u konsulti Dok Q u tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax legali dekorribbli minn

notifika ta dan l-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 27 ta Mejju 2004 fejn accettat ir-responsabbilita tal-incident in kwistjoni ghal fejn jirrigwardaw biss id-danni kagonati fuq l-parti ta wara tal-vettura tal-atturi u kwidni eccepiet li d-danni mitluba huma ezagerati u kwindi ghandhom jigu se mai ppruvati.

Ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti esebiti.
Sema t-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Il-meritu tal-kawza odjerna tikkoncerna kollizjoni li sehhet fit-telgha ta Bahar ic-Caghaq. L-attur Michael Galea jiftakar biss qabel ma ntilef minn sensih, illi huwa kien waqaf fit-telgha wara t-traffiku u f’mument minnhom sema hoss kbir gej minn naha ta wara tal-vettura tieghu. Wara sar jaf li kien hemm vettura li habtet fil-vettura miexja warajh bil-konsegwenza li ta warajh habtet go fih u in segwitu huwa habit ma ta quddiemu. Illi ghalhekk minnhabba d-daqqa li qala fuq wara,l-attur sofra hsarat kemm fuq quddiem u kif ukoll fuq wara tal-vettura tieghu u dana peress illi qabel l-impatt il-vettura tieghu kienet wieqfa fit-traffiku mhux mahbuta. Il-vettura tal-konvenuta hija l-ahhar wahda fis-sensiela ta vetturi ndikati fuq l-iskizz a fol 30 u 41 filwaqt li dik ta l-attur hija t-tieni wahda. Il-pulizija li nvestiga dan il-kaz u rrilaxxja r-rapport relattiv a fol 36 et seq tal-process filwaqt li jikkonferma l-istess rapport minnu rilaxxjat jirrileva li kien hemm nuqqas ta qbil bejn il-verzjoni ta l-attur u dik tas-sewieq ta quddiemu fis-sens illi ta quddiem l-attur ighid li huwa hass id-daqqa x’hin beda jirrallenta minnhabba li ta quddiemu kien sejjer idur filwaqt li l-attur ighid li huwa kien wieqaf u l-vettura tieghu ntefghet ghal fuq ta quddiemu bid-daqqa li huwa qala minn wara. Meta rega ttella jixhed l-attur jerga jikkonferma illi huwa sema daqqa wahda biss. L-istess surgent jikkummenta wkoll li ma nghatat ebda spjegazzoni kif il-vettura ta quddiem l-attur spiccat biswit dik li kienet miexja quddiemu cioe dik li kienet sejra ddur.

Il-valur tal-hsarat reklamati gew konfermati bil-gurament mis-surveyor bhala kompatibbli mad-daqqiet quddiem u wara li huwa kien ikkonstata fuq il-vettura tal-attur. Jikkummenta wkoll li l-hsara fuq in-naha ta wara kienet akbar minn dik ta quddiem. Frank Portelli il-panel beater li hadem fuq il-vettura in kwistjoni jikkonferma l-hlasijiet u l-ircevuti relattivi maghmula.

Judith Valletta, li kienet is-sewwieqa tal-vettura fuq quddiem tal-attur xehdet li l-valur tal-hsarat taghha fuq in-naha ta wara ammontaw ghal Lm900.

Il-konvenuta xehdet li hija kienet tielgha f'Bahar ic-caghaq fit-traffiku u f'mument minnhom il-vettura ta quddiemha tal-ghamla Trooper waqfet. Hija tghid li kienet miexja bil-mod minnhabba t-traffiku. Meta ta quddiemha waqaf hija ma rnexxiliex tieqaf warajh fil-hin bil-konsegwenza li habtet go fih. Il-hsara fuq il-vettura taghha kienu minimi filwaqt li dawk fuq il-vettura ta quddiemha kienu kwazi xejn.
Illi ma hemmx dubbju anke in vista tal-ammissjoni parzjali tal-konvenuta illi t-trooper habtet mal-vettura tal-attur minnhabba d-daqqa li hija qalghet mill-konvenuta miexja warajh. Illi ghalhekk il-konvenuta ghandha certament twiegeb ghal-hsarat kagonati fuq in-naha ta wara tal-vettura tal-attur. Dwar il-hsarat sofferti mill-attur fuq quddiem hemm kontestazzjoni fis-sens illi kollox jiddependi mill-fatt jekk l-attur kienx gia mahbut fil-vettura ta quddiemu o meno fil-mument meta huwa qala d-daqqa fuq wara. Illi s-sewwieqa kollha fir-rapport tal-pulizija jgidu li semghu jew qalghu daqqa wahda u mhux tnejn. Ta min jinnota wkoll li l-vettura li laqghtet lill-attur hija Trooper u cioe ta daqs kbira u kwindi hija haga verosimili li bid-daqqa li l-Voyager ta lill-attur dan ta l-ahhar intefa fuq il-vettura ta quddiemu anke jekk il-hsara fuq il-voyager kemm quddiem u kif ukoll wara setghet kienet insinifikanti. Fil-fatt id-distanza li hemm bejn il-voyager u l-vettura tal-attur hija ndikattiva tal-fatt li mad-daqqa l-voyager waqaf filwaqt li ta quddiemu gie mtajjar ghal fuq ta quddiemu. Li kieku d-daqqa ma kinietx daqstant kbira kif qed jipprova jargumenta l-konsulent legali tal-konvenuta minnhabba certi fatturi li jsemmi bhal per ezempju li t-traffiku kien

miexi bil-mod f'telgha ma jispjegax il-fatt il-ghala il-vetturi waqfet hekk kif indikati fuq l-iskizz – kieku kienu jieqfu serbut wiehed wara l-iehor bumper ma bumper u mhux li jkun hemm distanza ta 2.3 metri bejn il-vettura tal-attur u dik ta warajh. Illi ghalhekk il-fatt li fir-rapport jidher li kul sewwieq isemmi impatt wiehed u l-mod kif spiccaw il-vetturi wara l-habta kif indikati fl-iskizz esebit aktar jaghtu kredibbilita ghal verzjoni tal-attur u cioe li fil-mument tal-impatt fuq in-naha ta wara tal-vettura tieghu huwa kien wieqaf fit-traffiku u mhux mahbut mal-vettura ta quddiemu.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u ghal hsarat kollha kagonati fil-vettura tal-attur, kwindi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuta jilqa t-t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta elf mija sitta u tletin lira sitta u ghoxrin centezmu (Lm1136.26) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta l-odjern avviz kif rikjest u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------